**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 22 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Daniela Debattista**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Daniela Debattista detentrici tal-karta tal-identita' numru 277069(M) akkuzata talli:

F' April 2009 u fis-snin precedenti f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, fil-kapacita' taghha bhala Direttrici tas-socjeta' J.G. Rentals Limited, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-

ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn €383,754.00 ghad-detriment tas-segwenti socjetajiet: - Auto Sales Limited, Michael Attard Limited, UCIM Co. Limited, Meridian Enterprises Co. Limited u Pater Finance Co. Limited, ai termini ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' taghha bhala Direttrici tas-socjeta' J.G. Rentals Limited, appropjat ruhha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib maghha l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment tas-segwenti socjetajiet:- Auto Sales Limited, Michael Attard Limited, UCIM Co. Limited, Meridian Enterprises Co. Limited u Pater Finance Co. Limited, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata 19 t' Awwissu, 2011 (esebita a fol. 551 tal-process fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 293, 294 u 310(1)(a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-artikoli 17, 18 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2013 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Permezz ta' ittra tad-29 t' April 2009 mibghuta lill-Pulizija Ezekuttiva sar rapport minghand Auto Sales Ltd, Pater Finance Company Ltd u Michael Attard Ltd li Daniela Debattista, l-imputata odjerna, kienet xtrat hamsa u tletin vettura minghand dawn il-kumpaniji izda mbaghad ma effetwatx il-pagamenti relattiv kif patwit. Dak iz-zmien l-imputata Daniela Debattista kienet Direttur tal-kumpanija u kellha r-rapprezentanza guridika ta' JG Rentals Limited u xtrat dawn il-vetturi f'din il-kapacita'. Hija kienet xtrat dawn il-vetturi fuq hire purchase ghal long term lease u b'xi mod iddisponiet minnhom minghajr ma kompliet thallas. Illi skond il-kwerela sittax-il vettura kienu nxtraw minn Cortis Rent-a-Car izda l-imputata kienet hadet il-kumpanija ta' Cortis u kienet xtrat id-dejn tal-istess kumpanija billi saret kambjala ta' tlett mitt elf u elfejn Euro. Meta giet interrogata l-imputata mill-Pulizija qalet li hija kienet id-Direttrici tal-kumpanija JG Rentals izda kienet Direttur biss ghaliex huha Glenn Debattista kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u sabiex huwa jkun jista' jkompli jopera n-negozju u mhux ghaliex kienet effettivament involuta fil-gestjoni tan-

negozju. Hija kompliet tghid li kienet taf li kien hemm pagamenti pendenti fuq dawn il-vetturi izda ma kinitx taf x'kien sar minnhom il-vetturi. Meta l-Pulizija kellmu lil Glenn Debattista huwa qal li kien ghadda l-kumpanija f'isem ohtu sabiex jkun jista' jkabbar. Huwa zied jghid li hafna minn dawn il-vetturi kienu gew maqbuda mill-Pulizija minhabba li ma kienux thallsu l-licenzji tat-triq u kien hemm mandat ta' inibizzjoni kontrih fejn ma setax ikompli jahdem bihom. Mix-xhieda tal-Ispettur Maurice Curmi rrizulta li mill-investigazzjoni tal-Pulizija rrizulta biss li kien hemm erba' vetturi maqbuda mill-Pulizija. Irrizulta wkoll mill-investigazzjoni ma' Transport Malta li dawn il-vetturi li gew elenkati kienu registrati f'isem l-imputata Daniela Debattista.  L-imputata li assumiet ir-responsabilita' tal-kumpanija msemmija qatt ma tat spjegazzjoni dwar x'sar mill-vetturi neqsin.  Wara li gew iffirmati l-kuntratti in dizamina qatt ma gew effettwati pagamenti u dak iz-zmien Glenn Debattista, hu l-imputata diga' kellu djun sostanzjali u Mandat ta' Inibizzjoni kontrih mahrug fuq talba ta' Gasan Motors.

Ikkunsidrat:

Illi meta xehed Stefan Sacco ir-rapprezentant ta' Michael Attard Limited li xehed waqt l-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2011 ikkonferma li Daniela Debattista kienet xtrat karozza ghan-nom taghha u ghan-nom tal-kumpanija JG Rentals Ltd. Gie esebit kopja ta' dan il-kuntratt kif ukoll kambjali ffirmati minn Daniela Debattista (SS 1 a fol 67 et seq). Huwa zied jghid li kien ghamel diversi kuntratti maghha biex jithallsu l-pagamenti izda kien kollu ghal xejn.  Infethu wkoll proceduri civili kontra l-istess kumpanija JG Rentals fejn gew esebiti diversi dokumenti fuq il-kaz civili (dok SS2 sa SS9). Huwa zied jghid li l-vettura qatt ma nstabet u l-imputata qatt ma ghamlet kuntatt maghhom dwar hlas.

Fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2011 xehed Brian Farrugia, ir-rapprezentant ta' Transport Malta,[1] li esebixxa diversi dokumenti minn dok BF 1 sa BF 27 liema dokumenti jaghtu nformazzjoni dwar sidien ta' diversi vetturi. Id-dokumenti BF 2 sa BF 5 juru vetturi registrati fuq Frank Debattista waqt li minn BF 6 sa BF 13 juri li kien registrati fuq Daniela Debattista. Waqt li dok BF 14 sa dok BF 27 juru vetturi registrati fuq Raymond Cortis.

Fl-istess seduta xehed Marcel Avellino li jahdem bhala credit controller mal-kumpanija UCIM Ltd. Huwa kkonferma li kien hemm hlas pendenti ta' 302,951 Euro fuq vetturi li kienu nxtraw minghand UCIM Ltd. Dawn il-vetturi li kienu jikkonsistu f'seba u tletin vettura fejn Daniela Debattista kienet xtrat hmistax -il vettura, erba' ohra nxtraw f'isem Frank Debattista, tnejn ohra f'isem Joe Vella u kien hemm vetturi ohra fuq isem Henry Busuttil. B'kollox kien hemm tlieta u ghoxrin karozza waqt li kien hemm erbatax-il karozza ohra fuq isem Raymond Cortis li kienu fuq isem kumpanija ohra. Huwa zied jghid li kien hemm ftehim ma' Daniela Debattista sabiex jinxtraw dawn il-vetturi.

Fis-seduta tat-18 ta' Frar 2011 xehdet Claire Camilleri li tahdem mal-MFSA. Hija esebit kopja tal-Memorandum and Articles ta' JG Rentals Limited u kkonfermat li l-istess kumpanija qatt ma baghtet accounts lir-Registratur tal-Kumpaniji. Gew esebiti zewg dokumenti dok CCB 1 (Memorandum and Articles tal-kumpanija JG Rentals Ltd) u CCB 2 (Memorandum and Articles tal-kumpanija AJ Rentals Ltd fejn jidher li Glenn Debattista u Daniela Debattista kienu Diretturi tal-istess kumpanija).

Fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2011 xehed Dr. Philip Manduca fejn qal li huwa l-Avukat tas-socjeta' Auto Sales Limited. Huwa zied jghid li l-

[1] Rega' xehed fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012 fejn ikkonferma li kien ghamel hu r-ricerka ta' dawn id-dokumenti.

imputata kienet xtrat erba' karozzi fejn halset ammont zghir u ma komplitx teffetwa pagamenti.  Irrizulta wkoll li hija kienet ghamlet l-istess ma' kumpaniji ohrajn u li wahda mill-vetturi mixtrija minnha b'dan il-mod kienet qed taghmel uzu minnha hi stess. Dan ix-xhud ikkonferma l-kwerela li kienu prezentaw lill-Pulizija fuq dan il-kaz (a fol 27).

Fl-istess seduta tal-25 ta' Marzu 2011 xehed Anthony Bartolo fejn qal li meta kien jahdem bhala salesman ma' Auto Sales Ltd gie Frank Debattista li jigi missier l-imputata u l-imputata Daniela Debattista f'isem JG Rentals u kienet xtrat erba' karozzi li gew registrati fuq il-kumpanija. Huwa zied jghid li kienu nxtraw on hire purchase u gew iffirmati kuntratti. Huwa zied jghid li kien ghamel credit checks fuqhom u irrizulta li dawn jistghu jhallsu.  Huwa kompla jghid li kien ghamel dawn l-arrangamenti maghhom minhabba li kellhom kumpanija li jikru l-karozza u kienet xi haga regolari li jaghmlu dan. Huwa zied jghid li kienu qalulu li kienu se jikru dawn il-karozzi bhala lease ghal zmien ta' hames snin lil klijenti taghhom. Gie esebit dokument tal-erba' vetturi li nxtraw (dok AB 1 a fol 362).

Fl-istess seduta xehed Raymond Cortis fejn qal li huwa kellu kumpanija tal-karozzi tal-kiri fejn fis-sena 1999 kien ghadda l-kumpanija tieghu lil certu Glenn Debattista fejn kellu jkun hemm transfers tal-karozzi biex ikunu fuq ismu. Il-kumpanija kien jisimha Cortis Rent-a-Car. Il-karozzi kienu nhargu fuq ismu izda skond il-ftehim li kellu ma Glenn Debattista dawn kienu ser iduru fuq Glenn Debattista. Huwa kompla jghid li kien sar share transfer tal-kumpanija u Glenn Debattista kien qallu sabiex jaqleb kollox fuq isem ommu u missieru. Huwa zied jghid li Glenn Debattista kellu jghaddi xi hlas bhala kumpens izda dan il-hlas qatt ma sar u zied jghid li huwa qatt ma kellu xi involviment mal-imputata.

Fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2011 xehed Henry Busuttil fejn qal li huwa kien jahsel u jsuq il-karozzi ta' Glenn Debattista. Huwa zied jghid li Glenn Debattista kien qallu biex jiffirma xi karti halli jidhru zewg karozzi fuq ismu. Wara li telaq minn mieghu kienu marru ghand Avukat halli jinqelbu dawn il-karozzi fuq isem Daniela Debattista. Huwa zied jghid li kien hemm ghaxar vetturi Daihatsu fuq ismu u zewg vetturi tal-ghamla FIAT. Huwa qal li dawn kollha kienu tnehhew minn fuq ismu. Huwa qal li dam jahdem ma' Glenn Debattista ghal xi tlett snin u n-negozju kien ghadu bix-xoghol.

Xehed ukoll Joseph Vella fl-istess seduta fejn qal li huwa kellu vettura li kien biegh lil Daniela Debattista tal-ghamla Hyundai Atos DBG 125. Huwa kien ghamel xi zmien ukoll isewwi l-vetturi taghhom. Huwa pero kkonferma in kontro-ezami li n-negozjar tal-bejgh tal-vettura kien sar kollox ma' Glenn Debattista u mhux ma' Daniela Debattista. Anki dwar x-xoghol li kien hemm bzonn li jsir fuq il-vetturi kien ikun l-istess Glen Debattista li kien jindahal fiha. Huwa zied jghid li kien jaghmel xi xoghol ta' tiswija fuq il-karozza privata tal-imputata u kien jaf li hija tigi oht Glenn Debattista.

Xehed ukoll Glenn Debattista fl-istess seduta fejn qal li huwa jigi hu l-imputata. Zied jghid li huwa kien xtara l-permess sabiex jopera negozju ta' kiri ta' vetturi minghand Raymond Cortis u li sussegwentement hareg vetturi ohrajn u ghamilhom f'isem ohtu Daniela sabiex ikun jista' jinhareg permess iehor sabiex b'hekk ikabbar in-negozju. Huwa qal li l-ewwel numru ta' vetturi tal-ghamla Hyundai nxtraw minn Raymond Cortis fejn iffirma ghalihom hu u tal-FIAT (UCIM LMITED u Pater Finance Limited) kienu tawh il-karti sabiex il-vetturi jinqelbu fuq ohtu Daniela Debattista. Glenn Debattista spjega li huwa ma kienx hallas il-licenzji fuq il-vetturi minhabba mandat ta' inibizzjoni li nhareg kontrih u ghalhekk l-istess

vetturi ma setghux jinkrew. Huwa zied jghid li l-vetturi nxtraw mill-kumpanija JG Rentals Limited li taghha kienet Direttur l-imputata Daniela Debattista u dan sar mhux biss minhabba l-mandat ta' inibizzjoni izda ghal ragunijiet ohra wkoll. Glenn Debattista sostna li l-vetturi tal-ghamla Renault kien xtrahom ghal skop ta' leasing u kien hu li ordnahom u ohtu li xtrathom u spjega li meta xtara l-vetturi tal-marka Hyundai dawn kienu fuq Raymond Cortis u meta mar sabiex jaghmel transfer tal-vetturi dan ma setghax isir minhabba l-mandati ta' inibizzjoni.. Glenn Debattista qal li minhabba li ma setax ihallas il-kirjiet tal-garaxxijiet fejn kien qed izomm il-vetturi tefghu l-vetturi barra u mbaghad il-Pulizija haduhom bit-tow truck u poggewhom f'diversi postijiet. Huwa qal li kien hemm sid ta' garage li zamm xi vetturi ghalih u anki kienu cemplulu l-Pulizija tan-Naxxar fejn kienu infurmawh biex inehhi l-karozzi. Ix-xhud zied jghid li kien mar diversi drabi ghand tal-FIAT u tal-Auto Sales Limited sabiex jiehdu lura l-karozzi izda huma ma accettawx. Huwa kompla jghid li fis-sena 1999 kien xtara l-permess minn ghand Raymond Cortis ghax kellu car hire. Din il-kumpanija inqelbet ftit wara fuq isem missieru u ommu. Huwa zied jghid li huwa kien xtara l-permess u seta' juza erbatax -il pjanca fuq erbatax -il vettura u dan skont il-qies tal-garage li kien qieghed jaghmel uzu minnu. Ftit taz-zmien wara kien ha zewg garaxxijiet ohra u ried japplika ghal surplus u cioe' ghal aktar pjanci. Kien ghalhekk li huwa dahhal lil Daniela Debattista sabiex ikun jista' japplika ghal surplus. Huwa zied jghid li kellu japplika ghal permess gdid u minhabba li kien ghaddej minn separazzjoni minn mal-mara ma setax jaghmel mod iehor minhabba kwistjonijiet ta' finanzi. Huwa zied jghid li ohtu Daniela qatt ma kienet involuta f'dan in-negozju. Huwa qal li Daniela indunat li kienet dahlet fl-inkwiet meta bdiet tircievi l-karti tal-Qorti u bdiet tinsisti mieghu sabiex isolvi din il-problema. Glenn Debattista qal li kien hu li ghamel in-negozju mal-kumpaniji kwerelanti u mhux ohtu u kkonferma li

ghalkemm ohtu kien dahlet ghal dan id-dejn, kien hu li qieghed jopera n-negozju u jaghmel uzu mil-vetturi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta li s-socjetajiet kwerelanti ntavolaw il-kwerela odjerna wara li JG Rentals Ltd kif rapprezentata mid-Direttur taghha Daniela Debattista kienet xtrat diversi vetturi minghandhom izda qatt ma effetwat il-pagamenti relattivi kif patwit. Mill-vera kopja tal-Memorandum and Articles tal-kumpanija JG Car Rentals esebit fil-proceduri odjerni jirrizulta minghajr dubju li l-imputata Daniela Debattista kienet Direttur tal-kumpanija fiz-zmien li sar ix-xiri tal-vetturi in dizamina (a fol 310). Illi skont l-istess dokument (dok CCB 1), Daniela Debattista apparti li kienet Direttur tal-istess kumpanija kellha wkoll ir-rapprezentanza guridika u legali u jsewgi ghalhekk li t-tmexxija tal-kumpanija kienet kollha f'idejha. L-Artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> "13. Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa sbiex tevita l-egħmil tar-reat"

Illi minn dan l-artikolu 13, johrog bic-car li kwalunkwe reat minn korp jew ghaqda ta' persuni, fil-hin tar-reat ir-responsabilita' taqa' fuq id-Direttur. Illi dan l-artikolu jkompli jghid anki jekk kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga tkun hatja ta' dak ir-reat. Illi ghalhekk m'hemmx wisq ghal interpretazzjoni wiesgha f'dawn ic-cirkostanzi biex din il-Qorti tasal ghal

konkluzjoni li kwalunkwe agir li sar mill-istess kumpanija li f'dan il-kaz kienet JG Rentals Ltd kienet biss responsabbli ghaliha l-istess Daniela Debattista. Illi x-xiri u l-iffirmar tad-dokumenti ghal-istess vettura waqghu taht ir-responsabilita' taghha bhala Direttur tal-istess kumpanija. Illi l-istess artikolu 13 jaghmel enfazi wkoll fuq il-fatt li jitfa' wkoll responsabilita' fuq l-individwi li jipprova li huwa u li f'dan il-kaz kienet l-imputata, ir-reat kien sar minghajr ma hija kienet taf u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat. Illi f'dan il-kaz hareg car mill-provi li hija kienet taf bizzejjed x'kien qieghed jigri meta hija qieghda tiffirma dokumenti li kienu kuntratti ghal akkwist ta' vetturi ghal valur ta' eluf kbar. Hija kienet taf ukoll li kien hemm diversi kambjali li jridu jithallsu liema hlasijiet qatt ma saru. Illi ghalhekk anki hareg mill-fatti li lanqas ma ezercitat ebda diligenza min-naha taghha sabiex tara li dak li hija ffirmat kien qieghed jigi onorat mill-kumpanija. Illi skont il-verzjoni taghha, hija kienet accettat li tkun Direttur tal-kumpanija sabiex tghin lil huha minhabba li kien ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni. Min-naha tieghu, Glen Debattista huwa qal li l-iskop li ohtu saret Direttur ta' JG Rentals  Limited kien li huwa jespandi n-negozju tieghu. Illi stabbiliti dawn il-fatti ma hemmx dubju li l-imputata Daniela Debattista hija l-persuna responsabbli ghal dak li ghamlet il-kumpanija JG Rentals Ltd meta nxtraw dawn il-vetturi. Illi ghalhekk issa jrid jigi stabbilit jekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi jezistux dawk l-elementi necessarji ghal sejbien ta' htija o meno tar-reati li hija tinstab akkuzata bihom.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ai termini tan-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali huma ta' frodi b'eghmil qarrieqi u kazijiet ohra ta' qligh b'qerq taht l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Ligijiet ta' Malta. Hija wkoll akkuzata li ghamlet approprjazzjoni bla

jedd bic-cirkostanzi aggravanti taht l-artikoli 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Truffa u Frodi Innominata

Illi dwar l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' truffa Francesco Antolisei jghid hekk:

> "Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario.
>
> Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consegna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.
>
> La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:
>
> 1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;
>
> 2) la causazione di errore, il quale deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;
>
> 3) un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona."

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza il-Pulizija vs Emanuele Ellul (deciza fl-20 ta' Gunju 1997) intqal hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

> "Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa.
>
> Antolisei jghid hekk:
>
> "l'errore, essendo un fatto conoscitivo, di per se stesso non puo essere causa di quel danno patrimoniale che e' richiesto per l'esistenza della truffa; occorre che, in conseguenza dell'errore l'ingannato abbia posto in essere un atto che abbia determinato il detto danno. Va anche notato che l'elemento della disposizione patrimoniale e' proprio quello che distingue la truffa dal furto e dall'appropriazione indebita, perche essa e' caratterizzata dal fatto che l'ingannato, in conseguenza dell'errore, e egli stesso causa del danno: procura -- per cosi dire -- con le sue mani un nocimento patrimoniale con profitto altrui."

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati. Illi fis-sentenza il-Pulizija vs Carmela German deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2004 intqal hekk:

> "Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata."

In tema legali gie ritenut ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby li:

> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il-Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."

Illi fis-sentenza tat-30 ta' Dicembru 2004 fl-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs Carmela German' il-Qorti tal-Appell Kriminali inoltre qalet is-segwenti dwar il-fatt jekk gidba semplici ghad-differenza ta' artifizzji u raggiri tistax tigi kkunsidrata bhala frodi nnominata.

> "Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe' jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."

Illi fil-kaz de quo jirrizulta minghajr dubju li Daniela Debattista bhala Direttur u l-persuna li kellha r-rapprezentanza legali u guridika tal-kumpanija JG Rentals Ltd, liema kumpanija giet kostitwita bil-ghan li tixtri vetturi u topera ghal skop ta' leasing tal-istess vetturi, prezentat ruhha u dahlet fi ftehim mas-socjetajiet kwerelanti u cioe' ma' Auto Sales Ltd, Michael Attard Ltd, UCIM Co Ltd, Meridian Enterprises Co. Ltd u Pater Finance Ltd ghax-xiri ta' diversi vetturi li hija ndikat li s-socjeta' JG Rentals Limited kienet ser tuza ghal skopijiet ta' leasing lill-klijenti taghha. Illi fil-kaz tal-Auto sales Limited per ezempju rrizulta mill-provi li l-imputata prezentat ruhha fis-showroom taghhom akkompanjata minn missierha Frank Debattista u xtrat erba' vetturi ghan-nom ta' JG Rentals Limited. Irrizulta pero li ebda wahda minn dawn il-vetturi ma kienu gew uzati ghal skop ta' leasing izda x' sar minnhom hadd ma ghadu jaf hlief ghal vettura wahda li ttiehdet fuq ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid. Dawn il-fatti gew ikkonfermati minn Anthony Bartolo minn Auto Sales Limited li kien il-persuna li ghamel it-trattattivi mal-imputata u missierha sabiex ibiegh dawn il-vetturi. Huwa qal li l-imputata ndikat li l-kumpanija kellha minn fejn thallas ghal dawn il-vetturi. Illi gara minflok li ghalkemm gew iffirmati d-dokumenti relattivi minn Daniela Debattista, ma sar ebda pagament ghall-hlas tal-istess vetturi, u tlett vetturi minnhom qatt ma nstabu. Jidher ghalhekk illi Daniela Debattista fil-kapacita' taghha ta

Direttur tal-kumpanija JG Rentals Ltd tat l-impressjoni li l-kumpanija taghha kienet sejra taghmel uzu minn dawn il-vetturi ghal skop ta' leasing, tat l-impressjoni li l-kumpanija setghat thallas u fl-ebda hin ma ndikat li n-negozju kien fil-fatt gestit minn huha u dan meta hija fir-rwol taghha ta' Direttur tal-kumpanija kienet taf ben tajjeb li ma kienux jezistu fondi jew kreditu fil-kumpanija sabiex jithallsu dawn il-vetturi. Illi fil-fehma tal-Qorti dan jikkostitwixxi ingann skond kif indikat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Kriminali ghaliex l-imputata deliberatament tat l-impressjoni li hija topera l-kumpanija u li kienet ser tuza l-vetturi ghal skop ta' leasing u meta kienet taf li ma kienx hemm flus sabiex tonora l-obbligazzjonijiet li assumiet ghan-nom tal-kumpanija.

Illi element essenzjali sabiex jissussisti r-reat kontemplat fl-Artikolu 308 huwa l-mise en scene u f'dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li jikkonkorri tali element ghaliex mill-provi rrizulta li l-kumpanija li hija kienet tirraprezenta kienet tezisti u kienet registrata skond il-Ligi u hija ghalhekk ma resqitx tiffirma dokumenti u tassumi obbligi ghan-nom ta' xi ntrapriza falza. Hija ghamlet kollox f'isimha u f'isem il-kumpanija li taghha kienet Direttur. Illi fil-mument li hija dahlet biex tirraprezenta lill-kumpanija li taghha kienet Direttur fin-negozju mal-kumpaniji kwerelanti, u cioe' ma' Michael Attard Ltd, UCIM Co Ltd u Auto Sales Limited izda hija kienet taf ben tajjeb li l-kumpanija ma kelliex fondi u li ma setghax isir il-hlas relattiv ghax-xiri tal-vetturi. L-istess Daniela imputata inoltre assumiet l-obbligu sabiex taghmel tajjeb ghal dejn li kellu Raymond Cortis billi iffirmat kambjali dan il-ghan. Illi dan l-qerq adoperat mill-imputata wassal li dawn il-kumpaniji jemmnu li Daniela Debattista kellha l-mezzi finanzjari sabiex thallas ghall-vetturi u kien ghalhekk li huma bieghu dawn il-vetturi taht l-iskema ta' hire purchase. Illi mill-provi rrizulta li mhux talli ma sar ebda hlas izda inoltre l-maggor parti tal-vetturi ma nstabux u l-imputata qatt ma tat

rendikont dwar x'gara minn dawn il-vetturi. Illi ghalkemm hu l-imputata Glen Debattista ta' x'jifhem li huwa kien jopera din il-kumpanija minn wara l-kwinti minghajr ma kien hemm l-involviment ta' ohtu, l-Qorti temmen li l-imputata kienet ben konxja ta' dak kollu li kien qieghed jigri u kienet taf li kienet qed tinganna lis-socjetajiet kwerelanti izda kif intqal aktar il-fuq din il-Qorti temmen li huwa nieqes l-element tal-mise en scene u ghalhekk l-imputata ser tinstab hatja tar-reat minuri kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kodici Civili. Mill-provi rrizulta wkoll li bhala konsegwenza tal-ingann adopera mil-imputat kien hemm telf patrimonjali sostanzjali ghas-socjetajiet kwerelanti kollha nvoluti. Din il-Qorti ser issib lil-imputata hatja ghall-ewwel imputazzjoni abbazi tal-Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

L-artikolu 293, 294 u 310(1)(a tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi l-approprjazzjoni indebita hija kkontemplata fl-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-Artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jehtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa ex officio mill-Pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinjat lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni deciza fid-9 ta' Gunju 1998, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawru dan ir-reat.

> "Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u

> minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.”

Illi ghalhekk l-awtur ta’ dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta’ l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> “La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell’abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio” (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)

Illi f’sentenza ohra deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta’ Frar 1997, l-Qorti tispjega b’mod semplici l-elementi ta’ dana ir-reat:

> “Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'.

> Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza Il-Pulizija v Dr. Siegfried Borg Cole deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan ir-reat.

> (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):
>
> "Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ( il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di

> proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."

Illi fil-kaz odjern l-oggetti in kwistjoni, u cioe' l-vetturi li nxtraw, ma gewx mghoddija lis-socjeta' rapprezentata mill-imputata bil-patt jew taht xi titolu bl-obbligu tar-radd lura tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat. Illi minn imkien mill-provi ma rrizulta li xi hadd mis-socjetajiet kwerelanti kienet imponiet xi kundizzjonijiet dwar l-uzu ta' dawn il-vetturi jew bl-obbligu li dawn kellhom jinghataw lura . Illi dawn il-vetturi gew moghtija lis-socjeta' JG Rentals Limited permezz ta kuntratt ta' bejgh u l-obbligu assunt mil-imptutat kien sempliciment wiehed ta' pagament tal-prezz tal-oggetti mibjugha. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li ma jistax jitqies li tirrizulta r-rejita' ghall-approprijazzjoni indebita izda fi kwalunkwe kaz huwa evidenti li din l-imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputata qed tinstab hatja u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni mputazzjoni.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputata ghandha fedina penali kwazi netta kif ukoll il-fatt li l-mohh u l-beneficcjarju principali tal-agir taghha kien huha Glenn Debattista u mhux hi u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza. Il-Qorti inoltre jidrilha li m'huwiex opportun li jigi applikat l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali stante li l-ammonti li ghadhom dovuti llum il-gurnata lis-socjetajiet kwerelanti m'humiex ben definiti stante li mill-provi rrizulta li ttiehdu proceduri civili u gew esegwiti xi mandati u li seta' ntlahaq ftehim fuq pagamenti ma uhud mis-socjetajiet kwerelanti.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 t' Awwissu, 2011 u senjatament l-Artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha izda limitatament in kwantu jirrigwarda r-reat ta' frodi nnominata u tikkundannaha sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputata qed tinstab hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

**MAGISTRAT**